MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Numru. 833/2010

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Claire Magri, bint Raymond, imwieleda Pieta' fid-29 ta' Settembru, 1980, karta ta' l-identita numru 465080(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fit-22 ta' Frar, 2010 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana ħalfet il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, liema ġurament kien meħtieġ mill-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-Qrati ta' Malta;
2. talli fil-21 ta' Frar, 2010 għal ħabta tas-6.30 p.m. u fil-ġranet segwenti, f'Marsaxlokk u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer, xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor

qerdet jew biddlet it-traċċi jew l-indizji ta’ reat liema reat huwa delitt suġġett għal piena ta’ mhux anqas mill-piena ta’ priġunerija għal żmien sena;
3. talli fil-21 ta’ Frar, 2010 għal ħabta tas-6.30 p.m. u fil-ġranet segwenti, f’Marsaxlokk u/jew bnadi oħra f’dawn il-Gzejjer, zammet f’xi fond jew kellha fil-pussess tagħha, taħt il-kontroll tagħha jew ġarret barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon mingħajr ma kellha liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Ġunju, 2012 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 108(1)(a), 111(1)(2)(a) u 109(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5(1) u 51(2) l-ewwel proviso tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta ta’ l-imputata. Ma tikkundananhiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Minbarra dan, tordna l-interdizzjoni ġenerali ta’ l-imputata għal żmien ħames snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------